MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 449/2014

**BANK OF VALLETTA** p.l.c. (C 2833)

vs

Jean Pierre **MIFSUD** u Ritianne Mifsud Gafa’

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-23 ta' Mejju, 2014, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti: (i) tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fit-tliet kuntratti pubbliċi tas-26 ta' Awwissu, 2009, fl-atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cushieri (u esebiti bhala Dokumenti "A" sa "Ċ") u kif ukoll fil-kitba privata tal-21 ta' Marzu, 2011 (Dok "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imħarrkin Jean Pierre Mifsud u Ritianne Mifsud Gafa' (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti pubbliċi u kitba privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-imsemmija kuntratti u kitba privata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrkin Jean Pierre Mifsud u Ritianne Mifsud Gafa' li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi. (ii) tikkundanna lill-imħarrkin Jean Pierre Mifsud u Ritianne Mifsud Gafa' jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u elf u mija u tnejn u għoxrin euro u tmienja u ħamsin ċenteżmi (€101,122.58) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan, Credit Card* u *Overdraft Accounts*" ta' l-istess Jean Pierre Mifsud u Ritianne Mifsud Gafa' mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dokti "E1" sa "E2", "F", "G1" sa "G2", u "Ħ1" sa "Ħ2") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-23 ta' Marzu, 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin waqt is-smigħ tal-lum li biha ammettew it-talbiet attriċi;

Semgħet l-avukati tal-partijiet;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fuq l-ammissjoni tal-intimati taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fit-tliet kuntratti pubbliċi tas-26 ta' Awwissu, 2009, fl-atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cushieri (u esebiti bhala Dokumenti "A" sa "Ċ") u kif ukoll fil-kitba privata tal-21 ta' Marzu, 2011 (Dok "D") billi l-imħarrkin naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrkin naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrkin li jolqtu ħazin il-possibilita' tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin Jean Pierre Mifsud u Ritianne Mifsud Gafa' biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' mija u elf u mija u tnejn u għoxrin euro u tmienja u ħamsin ċenteżmi (€101,122.58) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan, Credit Card* u *Overdraft Accounts*" ta' l-istess Jean Pierre Mifsud u Ritianne Mifsud Gafa' mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dokti "E1" sa "E2", "F", "G1" sa "G2", u "Ħ1" sa "Ħ2") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-23 ta' Marzu, 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu l-**ispejjez tal-kawża**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------